Uffiċċju tal-Prim Ministru
www.opm.gov.mt

# Il-Bambini tal-Milied f'Malta

## 350 SENA TA' STORJA



Il-Wirja ser tkun miftuħa għall-pubbliku
Mit-Tnejn, 12 ta' Diċembru 2011 sal-Ġimgħa 6 ta' Jannar 2012 f'dawn il-ħinijiet:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: mill-5:00pm sat-8:00pm
Is-Sibt u l-Ħadd: mid-9:00am sas-1:00pm u mill-4:00pm sat-8:00pm

F'dawn il-ġranet il-wirja tkun miftuħa hekk:
It-Tlieta, 13 ta' Diċembru 2011 mid-9:00am sas-1:00pm u mill-4:00pm sat-8:00pm
Il-Ħadd, 19 ta' Diċembru 2011 mid-9:00am sas-1:00pm
Il-Ħadd, 25 ta' Diċembru 2011 mid-9:00am sa 12:00pm
Il-Ħadd, 1 ta' Jannar 2012 mill-10:00am sa 12:00pm

Il-Wirja mhux ser tkun miftuħa għall-pubbliku fil-15 ta Dicembru,
18 ta Dicembru 2011 filgħaxija u 21 ta' Dicembru 2011.



# Il-Bambini tal-Milied f'Malta

## 350 SENA TA' STORJA

Wirja inawgurata fil-11 ta' Diċembru 2011

fil-Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta

# Pajjiżna hu maħżen ta' kultura u mużew tal-arti



Minn ħames snin ilu, fil-Berġa ta' Kastilja qed issir stedina biex issir wirja tal-Milied li l-pubbliku jkun jista' jżurha matul il-jiem tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

Ġew esebiti presepji differenti - minn dak Naplitan fl-2007 għal dak magħmul minn materjal riċiklat li sar mis-Sorijiet tal-Klawsura tal-Monasteru ta' Sant'Ursola. It-tfal u ż-żgħażagħ urewna wkoll x'kapaċi jagħmlu meta sar presepju Malti magħmul mis-soċji u t-tfal li jattendu l-MUSEUM filwaqt li s-sena li għaddiet saret *Installation* moderna tal-presepju magħmula mill-istudenti tal-Iskola Sekondarja tas-Subien Tal-Handaq.

Din is-sena għamilna stedina differenti. Stedina għal wirja ta' Bambini antiki.

Kull staġun reliġjuż, f'kull ċiviltà u f'kull reliġjon, għandu l-espressjoni artistika tiegħu. Bħala ħlejqa li tgħix u toħloq il-kultura fl-istess ħin, il-bniedem jesprimi l-fidi tiegħu bis-saħħa tal-kultura tiegħu wkoll.

F'kull ambjent uman il-fidi hi għajn ewlenija ta' ispirazzjoni kulturali u artistika. Il-figura artistika tal-Bambin hu wieħed mill-eżempji mill-aktar prominenti fit-tradizzjoni artistika reliġjuża. Il-kultura tagħna hi magħġuna mal-aspett reliġjuż - mill-arkitettura sa kull forma ta' arti oħra. Din ir-rabta tipprovdi d-definizzjoni antika, moderna u konsistenti ta' Malta.

Il-Milied hu staġun ieħor fejn l-artisti jesprimu u jikkomunikaw il-ħsibijiet imnebbħa mit-twelid ta' Ġesu Kristu u fejn jirreġistraw din il-ġrajja.

Il-wirja ta' Bambini ta' din is-sena turi l-mertu tagħna l-Maltin li nafu napprezzaw, nerfgħu u ngħożżu l-kreattività li tesprimi l-ferħ ta' dan l-istaġun. Dawn il-Bambini, kollha kemm huma bi storja partikolari tagħhom, storja Maltija kif ukoll internazzjonali, joffru okkażjoni mill-aqwa biex napprezzaw il-fatt li pajjiżna hu verament maħżen ta' kultura u mużew ta' opri tal-arti.

**Lawrence Gonzi**
Prim Ministru





2008



2009



2010

Joseph Muscat
*Croce Dell'Ordine Al Merito Melitense*
*MQR. M.Phil (Honoris Causa)*

Dr. Simon Mercieca
*B.A., B.A. (Hons), M.A.,*
*D.E.A. (Sorb.) Ph.D. (Sorb.)*

# Il-Bambin tal-Milied

L-iskop ta' din il-wirja huwa li tiġbor fiha ġabra żgħira ta' bambini mill-għadd kbir ta' bambini tal-Milied li għandna fil-gżejjer Maltin. Bħal kull wirja oħra, kien hemm bżonn li ssir għażla tematika. F'din l-għażla, kien hemm ix-xewqa li jinżamm l-ispirtu ta' dan iż-żmien waqt li jintwerew xi wħud mill-aħjar u mill-isbaħ bambini li għandna fil-gżejjer Maltin. Xi wħud mill-bambini magħżula jfakkruna f'attributi teoloġiċi. Fi kliem ieħor il-pożizzjoni fiżika ta' dawn il-bambini tfakkar b'mod simboliku li din il-miġja biddlet l-istorja tad-dinja.

Biss il-kriterju estetiku jew dak teoloġiku ma kinux l-uniċi użati għal din il-wirja. Għalhekk, din il-wirja ma ġietx maħsuba biss biex turi s-sbuħija u l-arti ta' dawn il-bambini. L-anqas ma hija maħsuba biss biex turina l-materjal li bihom kienu jsiru l-bambini, bħall-injam, it-tafal, il-kartapesta jew ix-xama'. L-anqas ma hija maħsuba biss biex tfakkarna li l-artisti ta' dawn il-figuri ma kellhomx limitazzjonijiet ta' sess, għaliex insibuhom, sa mill-bidu ta' din id-devozzjoni, magħmulin kemm min-nisa kif ukoll mill-irġiel.

Din il-wirja tixtieq tfakkar lil min iżurha fil-proċess storiku ħalli jsir magħruf aħjar kif il-bambini tal-Milied daħlu fostna l-Maltin. Id-devozzjoni lejn il-Bambin Ġesu daħlet f'Malta għal ħabta ta' nofs is-seklu sbatax, madwar mitejn sena wara li deher l-ewwel bambin fiż-żmien tar-Rinaxximent fl-Italja. Bdiet fiż-żona tal-port iżda ma damitx ma sabet il-popolarità fil-parroċċi, speċjalment fost l-Ordnijiet Reliġjużi.

Fl-istess ħin, din il-wirja hija maħsuba biex toffri lill-viżitatur esperjenza pedagoġika billi tagħti d-dimensjoni wiesgħa tal-istorja tal-bambini fl-Ewropa. Bħal ma juru dawn il-bambini esebiti, l-istorja tal-Bambin tal-Milied f'Malta timxi mal-iżvilupp ta' dan il-kult fin-naħa ta' isfel tal-Ewropa.

Il-kult tal-bambin tal-Milied imur lura għal madwar sitt mitt sena. Żviluppat fir-Rinaxximent, meta d-Divinità ta' Alla, kif ġiet murija permezz ta' Ġesù Kristu, bdiet tingħata dimensjoni umana. Dan l-umaneżmu ġdid ġab miegħu l-iskoperta tal-infanzja fl-Ewropa, element li kien nieqes ħafna fil-ħsieb medjevali. It-tfulija prattikament ma kinetx teżisti. Ġa minn meta t-tfal kienu jibdew jimxu, kienu jibdew

jitqiesu bħala adulti, u għalhekk kienu jiddaħħlu ġa minn kmieni fid-dinja tax-xogħol. L-idea li Alla nnifsu, fil-figura ta' Ġesu, kellu tfulija, bdiet bilmod tbiddel dan il-ħsieb medjevali bir-riżultat li jibda jintlaħaq livell pedagoġiku ġdid fl-Ewropa: il-familji fl-Ewropa jibdew jaraw il-bżonn tat-tfulija għal uliedhom.

Għalhekk dawn il-bambini esebiti jippreżentawlna ż-żewġ tipi ta' bambini: dawk li għandhom il-ġesti tal-adulti kontra l-oħrajn li juru l-fattizzi ta' tarbija. Biss hemm karatteristika waħda li tgħaqqad dawn il-bambini kollha ta' kull żmien u ta' kull artist, kemm dak Malti kif ukoll barrani: it-tbissima f'kull wiċċ wieħed minnhom. Mingħajr din it-tbissima, ix-xbiha qatt ma tista' ssir bambin tal-Milied. Hija din it-tbissima li toħloq element ta' seħer u twassal lil kull minn jara x-xbiha biex jesklama: Kemm hu helu! Kemm hu sabiħ!

Tkun din ix-xbiha ta' Ġesu Bambin fid-dimensjoni ta' tarbija li tirbaħ fuq kull figura oħra. Ir-rappreżentazzjoni ta' Ġesu Tarbija ssir tixbah f'kollox lil dik ta' tarbija vera. Ikun matul dan il-proċess, li l-Milied jibda jiġi assoċjat aktar bħala festa tat-tfal, waqt li għall-adulti, hija okkażjoni li terġa' teħodna b'nostalġija lejn it-tfulija tagħna, iż-żmien tal-innoċenza.

F'dan il-kuntest tidħol il-figura tal-qassis Malti Dun Ġorg Preca (illum qaddis). Dun Ġorg, kif din il-persuna baqgħet magħrufa magħna l-Maltin, ma ddejjaqx jidħol f'din id-djalettika u jeħodha kontra min żamm mat- tradizzjoni medjevali u ma aċċettax din id-dimensjoni ta' Ġesu bħala tarbija. Bis-sempliċità tiegħu, Dun Ġorg iwassal biex il-bambini tal-Milied ma jibqgħux oġġetti prezzjużi li jinsabu f'postijiet u għand nies privileġġjati, kif juru l-għadd ta' Bambini li għandha fil-knejjes jew dak li xi darba kienu fid-djar ta' nies prominenti, iżda jidħlu f'kull għorfa tal-gżejjer tagħna.

Kien għalhekk, li Dun Ġorg beda l-purċissjoni bil-Bambin f'lejliet il-Milied fl-1921 biex ixerred id-devozzjoni lejn il-Bambin, bħala xhieda li Alla sar tarbija. Fuq kollox, kien permezz tal-ħidma ta' Dun Ġorg, u s-soċjetà li huwa waqqaf li l-bambini tal-Milied ma baqgħux xi ħaġa tal-ftit, ta' dawk li kienu jifilħu, iżda saru proprjetà ta' kulħadd, għaliex il-membri ta' din is-soċjetà għamluha missjoni tagħhom li jdaħħlu f'kull dar Maltija, speċjalment fost dawk li ma kinux jifilħu jixtru wieħed. B'hekk daħlet id-drawwa fl-oqsma kollha tal-Mużew, kif bdew jissejħu dawn l-iskejjel ta' filgħaxija għat-tagħlim tad-duttrina nisranija, li kull tifel u tifla tirċievi bambin jew presepju b'xejn fi żmien il-Milied. Din kienet revoluzzjoni siekta li għenet biex tiddaħħal din il-festa tal-Milied fil-qalb ta' kull familja Maltija, irrispettivament mit-twemmin tal-individwu fl-inkarnazzjoni ta' Alla. Mingħajr ħadd ma kien qed jinduna, it-tixrid tal-bambini fid-djar tal-Maltin għen biex anki f'pajjiżna t-tfulija tat-tfal tagħna tieħu l-importanza tagħha.

# Il-Bambin ta' Aracoeli

*Inċiżjoni li turi l-immaġni ta' dan il-Bambin ta' Aracoeli*
*Kollezzjoni privata*



L-użu tal-Bambin, jiġifieri l-figura ta' tifel kważi għarwien fuq ftit tiben jew esibit b'mod aktar solenni ġewwa xi ġilandra f'pożizzjoni wieqfa daħal bħala tradizzjoni mill-patrijiet Franġiskani fid-dinja Kattolika Latina. Din it-tradizzjoni taf l-oriġini tagħha fil-Bażilika Rumana tal-Madonna ta' Aracoeli f' Ruma, li ngħatat lill-patrijiet Franġiskani madwar l-1249–1250. Kien f'din il-bażilika li kibret devozzjoni lejn l-immaġni ta' Ġesù Bambin.

Dan il-bambin tal-injam magħruf bħala s-Santo Bambino sar fis-seklu ħmistax minn injam taż-żebbuġ li kien inġieb mill-Palestina eżattament mill-Ġnien tal-Ġetsemani. Sfortunatament, din l-istatwa nsterqet fi Frar tal-1994 u baqgħet ma nstabitx.



# Il-Bambin Liturġiku

*Miġjub mill-Knisja Santa Marija ta' Ġesù, Ir-Rabat (Malta)*

Il-Patrijiet Franġiskani daħħlu f'Malta dan it-tip ta' Bambin li beda jkun magħruf bħala liturġiku għaliex beda jintuża fil-liturġija tal-festi tal-Milied. Il-mod kif dan il-Bambin liturġiku kien jitlibbes hu eżattment kif kienu jitlibbsu t-trabi f'dik il-ħabta, jiġifieri mkebbeb bil-fsieqi bħal trajbu ħalli jagħtu protezzjoni lid-dahar.

Dan il-Bambin fil-fisqija x'aktarx oriġina minn Sqallija fis-seklu tmintax. Hu magħmul mix-xama' bl-għajnejn tal-ħġieġ u bl-anatomija tas-snien tidher minn ħalqu kemm kemm imbexxaq. Barra minn hekk, għadu fi stat oriġinali anki jekk tilef ftit mix-xagħar u l-libsa hija oriġinali.



# Bambin tax-Xama'

*Miġjub mill-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, Ir-Rabat (Malta)*



Dan hu Bambin tax-xama' tan-naħal li jista' jmur sas-seklu 17 u li probabbilment oriġina fi Sqallija.

Bħal bambini magħmulin dik il-ħabta, l-importanza anatomika ma kinetx għadha leħqet il-finezza tad-dettall. Dan intlaħaq f'Malta b'mod partikolari fil-Bambini tas-seklu dsatax.

Biss ġa hemm f'Bambini ta' dik l-epoka r-riċerka għad-dettall anatomiku li f'dan il-bambin hija murija fir-raffinatezza tax-xagħar, fil-ħalq kemm kemm imbexxaq biex juri lsien it-tarbija u fis-swaba' tal-idejn anki jekk dawn battew għaliex dan għamel żmien fl-umdità peress li kien jinżamm maqful f'tabernaklu ta' artal tal-ġenb fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat.



# Bambin Salvatur

*Kollezzjoni privata*

Ma damx wisq biex il-Bambini tax-xama' bdew anki jinħadmu f'Malta. Dan il-Bambin sar fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax. Il-Bambin li qiegħed fl-urna, tqiegħed salib żgħir f'idu x-xellugija u żżejjen b'ħafna fjuri artifiċjali. Dan jissejjaħ Bambin Salvatur għaliex Kristu hu ppreżentat bħala tarbija tilgħab. Inħadem mill-Patri Dumnikan Salvu Maria Balzan li kien sar magħruf għax-xogħol tal-bambini tax-xama'. Il-pożizzjoni ta' idejh kienet maħsuba biex twassal messaġġ reliġjuż. Idejh it-tnejn huma miftuħin b'simbolu li Ġesù Bambin jilqa' lil kulħadd.



# Bambin tas-Sorijiet Benedittini

*Miġjub mill-Monasteru Santa Skolastika, il-Birgu*

Il-Bambini tax-xama' bdew isiru aktar popolari matul is-seklu dsatax għal użu privat biex joħloq l-ispirtu tal-Milied f'post familjari.



Dan il-Bambin għadu fi stat tajjeb u mlibbes ilbies oriġinali. Huwa bambin mekkaniku. Fil-ġenb hemm biċċa fildiferru li meta tinġibed, il-Bambin jiftaħ u jagħlaq għajnejh u jgħolli u jbaxxi jdejh.



# Bambin tax-Xama' Malti

*Kollezzjoni privata*

Bdiet issir drawwa fost ir-reliġjużi, kemm irġiel u speċjalment dawk nisa, li jagħmlu bambini żgħar u jagħtuhom lill-membri tal-familja ħalli jxerrdu d-devozzjoni lejn it-twelid ta' Ġesù Bambin.

Dan il-bambin tax-xama' nħadem mis-soru Maria Geswalda mill-Kunvent ta' San Benedittu fl-Imdina fl-1890.


Oggi li 17 Febbrajo 1890.
Memoria di Maria Geswalda
Questo Bambino per la
mia pronipotina Mari
Carmela pregate Dio
per me



# Bambini Romantiċi

*Kollezzjoni privata*

Matul is-seklu dsatax bdiet tissaħħaħ id-drawwa li l-bambini jkunu magħmula f'pożizzjoni rieqda. Fl-istess ħin, l-espressjoni u l-pożizzjoni tal-korp tagħhom bdiet tingħata atteġġjament aktar naturali u l-bambini bdew jsiru ta' kontenut aktar serju. Kważi kważi, huma bambini li qegħdin jesprimu d-dwejjaq għax diġà jafu bid-destin kiefer li kien hemm jistenna lil Kristu meta jikber. Dawn l-espressjonijiet ta' dwejjaq ma tantx huma riflessi fil-bambini ta' qabel l-epoka romantika.



Il-Bambin tpoġġa rieqed fuq ġenb wieħed u b'idu l-leminija taħt rasu fuq l-imħadda u mqiegħed fuq saqqu li hu wkoll oriġinali. Ta' minn jinnota l-ħarqa maħduma mix-xama' b'finezza kbira. Dan hu xogħol tas-seklu dsatax fix-xama' tan-naħal.



# Bambin tal-Kartapesta

*Miġjub mill-Knisja ta' San Pawl, Bormla*

Dan il-bambin jirrappreżenta l-bidu tal-użu tal-kartapesta biex jintgħamlu bambini tal-Milied u ma hemmx dubju li hu wieħed mill-isbaħ bambini tal-kartapesta li għandna f'Malta. Huwa espressjoni tal-epoka romantika. Jekk wieħed iħares lejn xagħru jsib li hu magħmul bil-ferq. Din hija espressjoni tas-seklu dsatax. Anki l-forma ta' geddumu u ġbinu hija magħmulha fl-ispirtu romantiku ta' din l-epoka. Għajnejh huma tal-ħġieġ. Dawn bdew jintużaw fis-sekli ta' qabel iżda kien matul is-seklu dsatax li l-użu tagħhom qabad sew anki jekk kienu meqjusa bħala xi ħaġa rikka.

Wieħed jinnota wkoll il-kulur li l-artist ta lil dan il-Bambin, li jirrifletti messaġġ reliġjuż għax anki jekk iż-żebgħa tfiet maż-żmien, biss xorta waħda għandu jkun innutat li l-artist ma tantx uża kuluri qawwija meta għamel dan il-Bambin biex ma jqajjimx emozzjoni iżda biss iġib devozzjoni. Minn tradizzjoni orali dan il-bambin huwa meqjus bħala xogħol ta' Karlu Darmanin (1825-1909).



# Bambin tax-Xama' magħmul fis-seklu dsatax

*Kollezzjoni privata*



Bħat-tfal, il-bambini kienu jlibbsuhom ilbies ta' taħt. Fuq din il-libsa ta' taħt kienet titlibbes libsa oħra. Dan juri kemm il-figura tal-bambin bdiet tkun aktar assoċjata ma' dik ta' tarbija ħajja.

Dan hu bambin fit-trajbu u b'hekk hu wieħed artikulat, jiġifieri l-idejn u s-saqajn jiċċaqilqu, filwaqt li minn ġewwa hu tas-serratura. Dan ġie restawrat minn Joseph Muscat.



# Il-Bambini jsejħulhom pupi

*Kollezzjoni privata*

Dan hu Bambin tax-xama' li x'aktarx inħadem mis-sorijiet ta' Grotta Ferrata f'Ruma. Ix-xagħar ta' dan il-bambin hu wieħed naturali. Jinsab f'pożizzjoni minduda u maħsub biex iqajjem sens ta' devozzjoni u talb. Meta nħadem dan il-bambin, kienu diġà bdew jidhru fl-Ewropa ġugarelli magħmula f'għamla ta' pupi.

F'Malta, għal ħafna snin l-importazzjoni tal-pupi maħduma industrijalment kienu xi ħaġa ta' lussu u rari. Iżda l-wasla ta' dawn il-pupi bdiet taffettwa l-produzzjoni tal-bambini tant li bdew isejħulhom pupi u jikkuppjawhom. Dan hu xogħol tas-seklu 20.



# Bambin tax-Xama' magħmul fis-seklu dsatax

*Kollezzjoni privata*



Bħat-tfal, il-bambini kienu jlibbsuhom ilbies ta' taħt. Fuq din il-libsa ta' taħt kienet titlibbes libsa oħra. Dan juri kemm il-figura tal-bambin bdiet tkun aktar assoċjata ma' dik ta' tarbija ħajja.

Dan hu bambin fit-trajbu u b'hekk hu wieħed artikulat, jiġifieri l-idejn u s-saqajn jiċċaqilqu, filwaqt li minn ġewwa hu tas-serratura. Dan ġie restawrat minn Joseph Muscat.



# Il-Bambini jsejhulhom pupi

*Kollezzjoni privata*

Dan hu Bambin tax-xama' li x'aktarx inħadem mis-sorijiet ta' Grotta Ferrata f'Ruma. Ix-xagħar ta' dan il-bambin hu wieħed naturali. Jinsab f'pożizzjoni minduda u maħsub biex iqajjem sens ta' devozzjoni u talb. Meta nħadem dan il-bambin, kienu diġà bdew jidhru fl-Ewropa ġugarelli magħmula f'għamla ta' pupi.

F'Malta, għal ħafna snin l-importazzjoni tal-pupi maħduma industrijalment kienu xi ħaġa ta' lussu u rari. Iżda l-wasla ta' dawn il-pupi bdiet taffettwa l-produzzjoni tal-bambini tant li bdew isejħulhom pupi u jikkuppjawhom. Dan hu xogħol tas-seklu 20.



# Il-Bambin Liturġiku

*Miġjub mill-Mużew Wignacourt, Ir-Rabat*

F'Malta l-Bambin ta' Aracoeli kien ġie ssemplifikat, għaliex kien isir bla korp, u minflok kien jieħu għamla ta' trajbu magħmul mid-drapp ippressat jew anki bit-tiben jew serratura, mingħajr ma jkollu l-idejn u s-saqajn. Kull ma kien jkollu jidher minn ġismu kien wiċċu li kien tax-xama'.

Xi drabi, dan it-trajbu kien jitlibbes bi drapp fin iżda wieħed ma jeskludix il-fatt li ċerti trajbi kienu jiġu mlibbsa bi drapp kemxejn fqir. Kulħadd skont kemm jista'. Ħafna drabi d-drapp kien ikun meħud minn paramenti sagri skartati.

Il-preżenza ta' dawn il-bambini jew ikonografiji b'forma ta' inċiżjonijiet turi d-devozzjoni kbira lejn dan il-Bambin ta' Aracoeli f'Malta għaliex kien meqjus mirakoluż.



# Il-Bambin tax-Xama' ta' Agius De Soldanis

*Miġjub mill-Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria, Għawdex*



It-tixrid tad-devozzjoni lejn Ġesù Bambin fil-knejjes ġabet magħha li numru ta' familji, speċjalment dawk tat-tajjeb, bdew iżommu xbiha ta' Ġesù tarbija fid-djar, u min kien jista' jqiegħda f'urna tal-injam indurata.

Dan il-bambin tax-xama' jissemma' għall-ewwel darba fil-ktieb Gozo antico e moderno miktub minn sidu stess, il-Kanonku Gian Piet Frangisk Agius De Soldanis. Għal xi żmien dan il-bambin kien fil-palazz tal-Arċisqof Mikiel Gonzi. Kien l-istess Arċisqof li rregalah lill-Knisja ta' San Ġorġ fl-1979.

L-idea li l-bambin jitqiegħed f'urna kienet maħsuba biex jingħata regalità lil din it-Tarbija. Dan sar fil-perjodu fl-istorja magħruf bħala tal-Ancient Regime, fejn il-metafora dominanti kienet li tirrappreżenta lil Kristu Tarbija bħala sultan. Għalhekk, tqiegħdet kuruna magħluqa fuq l-urna.



# Bambin mit-tafal

*Kollezzjoni privata*

Dan il-Bambin hu magħmul ukoll fil-vena romantika f'pożizzjoni ta' tarbija rieqda. Ma hemmx dubju li dan il-bambin, li sar fil-bidu tas-seklu għoxrin, huwa espressjoni tal-arti popolari reliġjuża ta' dik il-ħabta. Hu magħmul minn materjal li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar sar komuni biex minnu jsiru l-bambini. Din il-kwalità u raffinatezza ta' xogħol fuq Bambini tat-tafal hija rari.

It-tafal kien materjal li jista' jinġabar b'xejn u allura dan jispjega kif dan il-materjal sar popolari biex minnu jsiru l-bambini u l-pasturi. B'hekk sar aktar possibbli biex kulħadd ikollu bambin jew presepju d-dar. Il-Bambin f'dan ir-ritratt juri lil Kristu jserraħ fuq ġenb, pożizzjoni komuni ħafna f'din il-ħabta. Il-kuluri tiegħu għadhom fil-parti l-kbira oriġinali. Dan ix-xogħol hu attribwit lil Wistin Camilleri u ġie restawrat minn Joseph Muscat.



# Bambini fi Statwi Proċessjonali

*Kollezzjoni privata*

Dan il-bambin kien oriġinarjament jappartjeni għall-istatwa proċessjonali qadima li nbidlet u l-bambin tagħha ġie adottat għall-Milied.

Fl-ikonografija Marjana tal-imgħoddi, il-Madonna hija ppreżentata bħala dik il-persuna li twassal lil Ġesù lin-Nisrani u għalhekk ġiet adottata semjotika qadima Griega biex jitwassal dan il-messaġġ teoloġiku. Dan wassal biex l-eqdem statwi ta' Marija jirrappreżentawha (u 'l quddiem anke lil San Ġużepp) b'Ġesù Bambin f'idejha. Il-bambin juruh f'pożizzjoni ta' *benedicente*.

Matul is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, f'Malta, xi statwi qodma li juru din is-semjoloġija bdew jinbidlu ma' oħrajn ġodda. Ma kinetx l-ewwel darba li dawn l-istatwi kienu jitkissru, biex b'hekk il-bambin f'idejn il-Madonna jew San Ġużepp kien jitqiegħed fuq xi statwa oħra jew inkella jsir bambin tal-Milied.



# Il-Bambin tal-Machine Shop tat-Tarzna

*Miġjub mill-Knisja kolleġjata Marija Immakulata, Bormla*

Dan il-bambin ingħata lill-knisja ta' Bormla fl-2008 bħala rikordju tad-devozzjoni li l-ħaddiema tat-Tarzna tas-sezzjoni magħrufa bħala l-'machine shop' kellhom lejn il-misteru tal-inkarnazzjoni. Huwa xogħol li fih jispikkaw il-qagħda u l-kulur oriġinali tal-karnaġjon. Dan hu bambin tal-kartapesta miġjub minn Lecce li hi belt fl-Italja magħrufa għax-xogħol tal-kartapesta. Hu mifhum li dan il-bambin inġieb Malta wara l-gwerra madwar is-sena 1950.

Wisq probabbli, il-ħaddiema tat-Tarzna setgħu jakkwistaw Bambin bħal dan minħabba l-kobor ta' din l-aġenda u fuq inizjattiva ta' xi soċi tal-Mużew li kienu qed iġibu Bambini minn Lecce f'dik il-ħabta.






# Bambini ta' Ispirazzjoni Ġiżwitika

*Jinsab fil-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt Valletta*

Għal ħafna żmien ir-rappreżentazzjoni ta' Ġesù Bambin kienet mibnija fuq it-tradizzjoni Medjevali, jiġifieri, it-tfal kienu meqjusa adulti żgħar. Għalhekk Ġesù Bambin kien jitqiegħed fil-pożizzjoni ta' raġel kbir, qed ibierek jew benedicente. Kienu l-Patrijiet Ġiżwiti li mbuttaw 'il quddiem din il-metafora ta' Ġesù Bambin f'pożizzjoni ta' raġel kbir.






## Bambin Spanjol

*Miġjub minghand il-Patrijiet Tereżjani, Bormla*




F'Malta kienu l-Patrijiet Tereżjani li xerrdu l-kultura tal-bambini żgħar fid-djar fin-naħat tal-port, kultura li xterdet ukoll mad-dinja Kattolika, prinċipalment fi Spanja u fl-Italja.

Dan għaliex Santa Tereża ta'Avila kellha devozzjoni speċjali lejn Ġesù Bambin u riedet li l-patrijiet Karmelitani riformati jġorru xbiha tiegħu magħhom. Nafu li meta dawn il-patrijiet fetħu kunvent tagħhom f'Bormla huma bdew jagħmlu xbihat ta' Ġesù Bambin.

F'dan il-kunvent ta' Bormla probabbilment jeżisti l-eqdem Bambin li għandna, b'xogħol tal-injam Spanjol magħmul fi stil barokk. Kien jitlibbes hwejjeg, kif ukoll parrokka u jintuża fil-purċissjoni li kienet issir nhar il-Milied fl-istess Kunvent tal-patrijiet Tereżjani.

Matul is-seklu tmintax, id-devozzjoni u l-Kult lejn Ġesù Bambin tant li bdew jitwaqqfu prokuri fil-knejjes biex mid-dħul investit f'kapital jew f'bonds jew fi ċnus bullali kif kienu wkoll jissejħu f'dak iż-żmien, kienu jitħallsu l-ispejjeż li kienet tagħmel il-knisja fix-xemgħat u żjut waqt il-funzjonijiet ta' żmien il-Milied.

Normalment prokura bħal din ta' Ġesù Bambin kienet tieħu ħsieb ukoll biex tagħmel il-festi bħal ma kienet dik ta' San Ġużepp u t-tifkira taċ-ċirkonċizjoni ta' Kristu jew kif inhija magħrufa aħjar bħala l-Kandlora.

# Bambin tax-Xama' Wieqaf

*Miġjub minghand Patrijiet Franġiskani Konventwali, Ir-Rabat (Malta)*



Dan hu Bambin tax-xama' pjuttost kbir ta' madwar żewġ piedi, jiġifieri magħmul fid-daqs ta' tarbija. Jinsab fi stat tajjeb, bil-kuluri oriġinali u mqiegħed f'urna tal-ħġieġ li hija oriġinali u ndurata. Huwa xogħol Sqalli tas-Seklu tmintax jew ftit qabel, magħmul biex iwassal messaġġ teoloġiku li Kristu qiegħed jistieden lil kulħadd jiġi għandu.



# Bambin Salvator Mundi

*Miġjub mill-Mużew Wignacourt, Ir-Rabat (Malta)*



Dan hu Bambin magħmul mix-xama' fis-seklu tmintax jew wara, li oriġina minn Sqallija, u jsegwi l-istess għamla u motiv.

Il-Bambin hu f'qagħda wieqfa, mibni fuq il-metaforika barokka tas-seklu sbatax, li tfisser illi Kristu għal kemm tarbija huwa ġa għalliem u għandu l-istatura ta' adult. Dan it-tip ta' Bambin jissejjaħ Salvator Mundi u jimxi fuq l-iskola Ġiżwitika, skola li ppopolarizzawha f'Malta l-patrijiet Tereżjani fil-bambini tagħhom. Il-Bambin beda jingħata attributi teoloġiċi, għaliex il-pożizzjoni tal-id il-leminja qed tbierek waqt li tagħmel is-sinjal tat-Trinità Mqaddsa u bix-xellugija jżomm globu f'idu.



# Bambin Benedicte tas-Seklu Dsatax

*Miġjub mill-Kunvent San Duminku, Ir-Rabat (Malta)*



Bambin tal-Injam li għandu d-data tal-1 ta' Awwissu 1880 mal-pexxul. Oriġinarjament dan il-bambin kien jiġi mlibbes.

L-iskultur kompla fuq it-tipoloġija tas-seklu tmintax li fittxet li turi l-ossimoru jew il-kuntrast bejn id-divin u l-uman. Permezz ta' din l-ikonografija, l-iskultur wera b'mod viżiv x'kienet qed tifhem il-Knisja meta titkellem fuq l-esigenzi tal-infanzja divina. Minħabba din it-tifsira teoloġika, dan beda jintuża mix-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla, li twaqqfet fi ħdan l-Ordni tal-Patrijiet Dumnikani, u b'riżultat ta' dan sar magħruf bħala l-Bambin tax-Xirka.





# Bambin Salvator Mundi

*Miġjub mill-Knisja Parrokkjali Santa Marija, H'Attard*

Matul is-seklu dsatax nibqgħu nsibu Bambini f'Malta li jsegwu din il-metafora ta' Salvator Mundi. Dan il-Bambin tat-tafal huwa xogħol rari Malti. Il-libsa u l-pedestall huma oriġinali.



# Bambin Redentur

*Miġjub mill-Knisja Parrokkjali Santa Marija, H'Attard*

Dan il-Bambin hu magħmul mix-xama' fis-seklu dsatax. Kien f'dan is-seklu li bdiet tikber f'Malta d-devozzjoni lejn Ġesù Rendentur. Il-libsa għadha dik oriġinali, filwaqt li l-pedestall hu wieħed indurat. Hu xogħol Sqalli fejn qed tkun ikklassiċizzata l-figura barokka tal-Bambin tal-Ġiżwiti, fejn id-djalettika hija dik preżenti fil-Bambini Salvator Mundi waqt li jipproponi ħsieb teoloġiku ġdid. Minħabba l-preżenza tas-salib, dan it-tip ta' Bambin hu magħruf bħala Bambin Redentur.





# Il-Bambin ta' Marjanu Gerada

*Miġjub mill-Patrijiet Tereżjani Bormla*



Marjanu Gerada (1766-1823) jipproponi f'din l-iskultura fl-injam it-teatralità marbuta mal-bambini tal-epoka barroka. Fl-istess ħin, Gerada jirnexxilu jinqata' mill-idjoma barokka, għax anki jekk jinkludi simboli reliġjużi, bħas-salib, li hu assoċjat ma' Kristu adult, jippreżenta din il-figura ta' Ġesù Rendentur bil-fattizzi ta' tifel ferrieħi, kważi imqareb.

Matul is-seklu dsatax tibda l-iskoperta tal-infanzja u l-Bambini jibdew jesprimu din il-filosofija pedagoġika ġdida. Meta jiġi għar-rappreżentazzjoni tal-fattizzi tat-tarbija, l-artist jagħmilha bħala persuna kemmxejn imlaħħma, bil-proporzjonijiet anatomiċi eżatti, motiv assoċjat mal-bambini tal-epoka klassika.



# Il-Bambin ta' Xandru Farrugia

*Miġjub mill-Knisja Parrokkjali, Iż-Żejtun*

Xandru Farrugia (1791-1871) isewgi l-mudell tal-imgħallem tiegħu Marjanu Gerada anki jekk f'din ir-rappreżentazzjoni mhux avventuruż u jerġa' jipproponi l-pożizzjoni Ġiżwitika ta' Ġesù Bambin, bħala Salvator Mundi fl-injam mingħajr varjazzjonijiet kbar. Farrugia jagħtina skultura fl-injam ftit iebsa u nieqsa mit-teatralità, biss xorta waħda tinħass f'dan ix-xogħol, kif kienu qed jitolbu n-normi ta' żmienu, l-espressjoni ta' delikatezza u innoċenza li r-Romantiċi bdew jassoċjaw mat-tfulija.





# Bambin tal-Kartapesta

*Miġjub mill-Parroċċa Kristu Re, Paola*



Dan hu xogħol fil-kartapesta, minn Giuseppe Cilia, alliev ta' Carlo Darmanin.

Kif turi l-kitba li hemm fuq il-pedestall, dan il-Bambin sar il-Ħamrun fl-1911 għall-Knisja ta' Santa Ubaldeska f'Paola. Jekk wieħed iħares lejn xagħru, wieħed jinduna li dan ix-xogħol sar lejn il-bidu tas-seklu għoxrin anki jekk, bħal ma jiġri ħafna drabi fl-arti Maltija, l-artist ipprova jispira ruħu minn xogħlijiet preċedenti għaliex f'dan ix-xogħol qed tkun proposta l-figura ta' Ġesù Redentur permezz tal-preżenza tas-salib f'idu.

